# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ġunju, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors maħluf numru 546/2009/1 JRM**

**Ahmed Ibro Muhiddin**
***v.***
***Greenlines Environmental Services Limited***
**(C-14868) u Mario Ebejer**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà konvenuta *Greenlines Environmental Services Limited* ["*Greenlines*"] minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-qorti Ċivili fit-13 ta' April 2016 li sabitha responsabbli flimkien mal-konvenut l-ieħor Mario Ebejer għad-danni li ġarrab l-attur, impjegat tagħha, f'inċident fuq il-post tax-xogħol u kkundannat liż-żewġ konvenuti *in solidum* iħallsu d-danni. Sar ukoll appell inċidentali mill-konvenut l-ieħor Mario Ebejer.

2. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

> »Tilqa' l-ewwel talba attriċi u ssib li l-imħarrkin jaħtu solidalment bejniethom għall-inċident li seħħ fil-31 ta' Awwissu 2009 fi Triq it-Torri, Tas-Sliema, għall-ħabta tal-5.30 ta' filgħodu u li fih l-attur ġarrab ġrieħi li ma jgħaddux meta korra waqt li kien xogħol riekeb mal-imħarrek Ebejer f'vettura tal-kumpannija mħarrka;
>
> »tilqa' t-tieni talba attriċi u tillikwida l-ħsara li ġarrab l-attur minħabba fl-imsemmi inċident fis-somma ta' erbgħa u ħamsin elf seba' mija u erbgħin euro (€ 54,740);
>
> »tilqa' t-tielet talba attriċi u tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-attur is-somma hekk likwidata ta' erbgħa u ħamsin elf seba' mija u erbgħin euro (€ 54,740) flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;
>
> »tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-kumpannija mħarrka għaliex ma jirriżultawx mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt; u
>
> »tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu l-ispejjeż tal-kawża.«

3. *Greenlines* appellat b'rikors tat 2 ta' Mejju 2016, li għalih l-attur wieġeb fil-21 ta' Ġunju 2016. Fit-13 ta' Marzu 2018 wieġeb ukoll il-konvenut Ebejer u ressaq appell inċidentali. *Greenlines* wieġbet għall-appell inċidentali fit-8 ta' Ottubru 2019.

4. Billi l-ewwel aggravju tal-appell inċidentali tal-konvenut Ebejer jolqot il-validità tas-sentenza safejn tolqot lill-istess konvenut, il-qorti sejra tibda billi tqis dak l-aggravju.

5. L-ewwel aggravju ta' Ebejer jolqot id-deċiżjoni tal-ewwel qorti illi tqis li hu kien kontumaċi għax ma ressaqx l-eċċezzjonijiet tiegħu fiż-żmien li tagħti l-liġi għalkemm kien notifikat bl-atti. Ebejer igħid illi ma kienx validament notifikat għax in-notifika saret fl-indirizz personali ta' direttur tas-*Greenlines* fi żmien meta hu ma kienx għadu impjegat ma' dik is-soċjetà.

6. Mill-atti[1] jirriżulta illi n-notifika lil Ebejer saret billi fl-4 ta' Jannar 2010 l-uffiċjali esekuttiv ħalla kopja tal-atti f'idejn Susan Zammit f'indirizz fis-Swieqi. B'nota tat-22 ta' Awissu 2011[2] *Greenlines* għarrfet lill-qorti illi Susan jew Suzanne Zammit hija direttur tas-soċjetà, illi n-notifika saret fl-indirizz personali tagħha u illi hija ma għaddietx l-atti li rċeviet lil Ebejer billi dan ma kienx għadu impjegat mas-soċjetà.

7. Minn dokument maħruġ minn *Jobsplus*[3] jirriżulta illi fl-4 ta' Jannar 2010 Ebejer kien impjegat mhix ma' *Greenlines* iżda ma' terzi.

8. L-art. 187 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi notifika tista' ssir f'idejn il-persuna li għandha tiġi notifikata jew ukoll billi titħalla kopja tal-atti "fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha". Bla ma nidħlu fil-kwistjoni jekk l-indirizz personali ta' direttur ta' soċjetà (sakemm dak l-indirizz ma jkunx ukoll l-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà[4]) jitqiesx il-lok fejn taħdem il-persuna li għandha tiġi notifikata, jew il-post tax-xogħol tagħha, jibqa' l-fatt illi n-notifika ma tistax issir hemm meta l-persuna ma għadhiex impjegata ma' dik is-soċjetà.

---

1 *Fol.* 31, *tergo*.

2 *Fol.* 66.

3 *Foll.* 313 *et seqq.*

4 Fl-atti ma hemmx xiedha dwar jekk l-indirizz personali tad-direttur huwiex ukoll l-uffiċċju reġistrat ta' *Greenlines*.

9. In-notifika f'idejn direttur ta' soċjetà li magħha l-konvenut Ebejer ma kienx impjegat meta saret in-notifika għalhekk ma tiswiex. Barra minn hekk, ukoll li kieku n-notifika kienet tiswa, u Ebejer kien għalhekk kontumaċi, xorta l-ewwel qorti naqset milli tagħtih żmien jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub kif igħid u jrid l-art. 158(10) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

10. F'kull każ għalhekk is-sentenza safejn tolqot lill-konvenut Ebejer ma tiswiex u għandha titħassar.

11. Lanqas ma hu relevanti l-argument imressaq mill-attur waqt it-trattazzjoni bil-fomm tal-appell, meta qal illi *Greenlines* hija respons-abbli talli laqgħet notifika ta' persuna li ma kinitx dak iż-żmien impjegata magħha. Il-kwistjoni ma hijiex min hu responsabbli għan-notifika ħażina iżda jekk tiswiex sentenza mogħtija kontra persuna li ma kinitx notifikata bl-atti u ma ngħatatx l-opportunità li tiddefendi ruħha.

12. Barra minn hekk, bin-nota tat-22 ta' Awissu 2011 *Greenlines* għarrfet lil min hu interessat bil-fatti li jwasslu għall-invalidità tan-notifika u kien imiss għalhekk lill-attur jara li n-notifika ssir kif imiss.

13. L-aggravju ta' Ebejer għandu għalhekk jintlaqa' u s-sentenza safejn tolqot lilu titħassar.

14. Tassew illi dan ma jolqotx il-validità tas-sentenza safejn tolqot lil *Greenlines*, li kienet regolarment notifikata. Madankollu, billi x-xiehda li għad jista' jressaq Ebejer jista' jkollha impatt mhux biss fuq il-

kwistjoni jekk iweġibx għall-inċident jew le, iżda wkoll, fil-każ li jinstab responsabbli, fuq kif tinqasam ir-responsabilità bejn il-konvenuti u jekk hemmx solidarjetà passiva, ikun xieraq illi l-konsiderazzjonijiet dwar responsabilità jsiru fil-konfront taż-żewġ konvenuti flimkien u mhux separatament, kif jiġri jekk tinżamm fis-seħħ is-sentenza safejn tolqot lil *Greenlines*. Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi s-sentenza appellata għandha titħassar għalkollox u mhux biss safejn tolqot lill-konvenut Ebejer sabiex is-sentenza fl-ewwel grad tingħata wara li l-qorti tkun qieset ix-xiehda kollha, ukoll dik li għad irid iressaq Ebejer.

15. Il-qorti għalhekk tħassar is-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex, wara li l-konvenut Ebejer ikun notifikat bl-atti, tisma' u taqta' l-kawża mill-ġdid.

16. Dwar l-ispejjeż ikun hemm deċiżjoni fis-sentenza finali.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm